MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta ta' l-20 ta' Ottubru, 2006

Numru 1107/2006

**Il-Pulizija**
**(Spt. Joseph Cordina)**
**vs**
**John Sammut**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra **John Sammut** ta' 38 sena, bin Alfred u Madalena nee' Scicluna, mwieled Attard fil-21 ta' Mejju, 1968, residenti f'36/1, Triq il-Barbagann, San Gwann u detetur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 244068(M);

Talli fid-19 t'Ottubru, 2006, u fi zminijiet ta' qabel, f'Hal-Qormi, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmulin b'risoluzzjoni wahda;

Fil-kariga tieghu ta' ufficjal jew impjegat f'amministrazzjoni pubblika, impjegat tal-Gvern jew mal-Gvern, b'abbuz ta'

awtorita’, sew jekk kellu kemm jekk ma kellux jhedd li jesigi flus jew hwejjeg ohra bhala salarju tad-dmirijiet tieghu, jew akkont tal-Gvern jew ta’ stabbiliment pubbliku, taht il-libsa tal-kariga tieghu, esiga hlas li l-ligi ma tippermettix, jew izjed minn dak li tippermetti l-Ligi, jew qabel iz-zmien li jmiss skond il-ligi;

Fil-kariga tieghu ta’ ufficjal jew impjegat pubbliku, in konnessjoni mal-kariga jew impieg tieghu, talab, ircieva jew accetta ghalih jew ghal haddiehor xi rigal jew weghda jew offerta ta’ xi rigal fi flus jew f’utli iehor, jew ta’ xi vantagg iehor, li ghalihom huwa ma kellux jhedd, barra milli accetta l-hlas, il-weghda jew l-offerta, naqas li jaghmel dak li kien fid-dmir tieghu li jaghmel.

Rat il-kunsens tal-avukat generali u n-nuqqas ta’ oggezzjoni tal-imputat sabiex il-kaz kontra tieghu ikun traqttat u deciz bil-procedura sommarja;

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif ukoll ix-xhieda tal-Ispettur Joseph Cordina fejn spjega kif wasal biex jiddentifika r-rejat allegatament kommess mill-imputat mpjegat tad-Dwana stazzjonat il-parcel office. Persuna li kienet talbet rilaxx ta’ pakkett postali kienet intalbet mija u hmistax-il lira, ridotta ghall-prezz finali ta’ ghoxrin lira. Meta l-persuna ilmentat, l-imputat hareg hames liri mill-kartiera teighu u tahomlha. Dan qajjem suspett u fuq aktar investigazzjoni l-pulizija ressqet lill-imputat quddiem din il-Qorti. Wara li ezaminat l-atti fid-dawl ta’ din l-ammissjoni, il-Qorti qed issib lill-imputat hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu;

Wara li rat l-artikoli 112, 113 u 115(c) u 119 tal-Kap 9

Wara li rat il-fedina penali nadifa tal-imputat u tenut kont tal-ammissjoni fi stadju bikri ta’ dawn il-proceduri;

Tikkundannah ghal-termini ta’ prigunerija ta’ sena (1) mil-lum, liema terminu ma jiddekorrix hlief jekk l-imputat jikkometti reajt punibbli bi prigunerija sa zmien sentejn (2) mil-lum skond l-artikolu 28A tal-Kap 9. Il-Qorti spejgat l-obbligi tal-imputat naxxenti min din is-sentenza;

Inoltre tordna l-konfiska tal-flus esebiti.

Tordna l-interdizzjoni generali u perpwetwa tal-imputat u tordna li kopja ta’ din is-sentenza tintbaghat lir-Registratur tal-Qrati.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------